# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' Diċembru 2022**

**Rikors Numru 846/2013 FDP**

Fl-ismijiet

**Carmel Buhagiar (ID 513653M), u b'digriet tat-2 ta' Frar 2021, assumiet l-atti martu Anna Buhagiar (ID 185857M), wara il-mewt ta' l-istess Carmel Buhagiar**

**Vs**

**Alfred Buhagiar (ID 72689M), Maria Dolores sive Doris Axisa (ID 698350M) u b'digriet tas-16 ta' Frar 2017, l-atti ġew trasfużi f'isem uliedha Maria Claudia Buhagiar (ID 491779M) u Davinia Anne Borg (ID 518182M), Pauline Grixti (ID 351552M), Mario Buhagiar (ID 489654M), Stephen Buhagiar (ID 438061M), Mary Dimech (ID 671862M) u Rita Fenech (ID 315164M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Settembru 2013, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrent flimkien mal-intimati kollha u ma' John Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 32356M); Raymond Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 308157M); Saviour sive Sunny Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 785158M); Eugenio Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 293360M); Antoine Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 232767M); Frank Buhagiar (karta tal identita' bin-numru 296368M) u Noel Buhagiar (karta tal-identita' bin-numru 436669M) huma lkoll aħwa u ulied il-mejtin Francis u Giorgia nee' Cassar.*

    2. *Illi Francis Buhagiar - missier ir-rikorrent u l-intimati u l-aħwa l-oħra Buhagiar indikati fl-ewwel premessa - miet qabel martu Giorgia nee' Cassar, li, wara l-mewt tal-imsemmi żewġha Francis Buhagiar, kienet*

*għamlet diversi testmenti u in forza tal-aħħar testment revokatorju tagħha datat it-tletin (30) ta' Settembru, 2008 in atti Nutar Margaret Heywood (kopja hawn annessa bħala Dokument A), filwaqt li ħassret u rrevokat kwalunkwe testment li kienet għamlet qabel, innominat lill-intimati bħala eredi universali tagħha filwaqt li ddiżeredat lir-rikorrent (u lil ħutu l-oħra John, Raymond, Saviour sive Sunny, Eugenio, Antoine, Frank u Noel, aħwa Buhagiar) għaliex, skond hi, huma ċaħdu mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatriċi billi lanqas ma huma jagħtuha l-użufrutt li ħallielha żewġha Francis Buhagiar fit-testment unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba tal-25 ta' Settembru, 1981.*

3. *Illi ż-żmien li hija għamlet din id-dispożizzjoni l-imsemmija Giorgia Buhagiar kienet taħt l-influwenza ta' almenu wieħed minn uliedha, Alfred Buhagiar (u dan kif se jiġi ampjament ippruvat), u fil-fatt f'dan it-testment u anke f'dawk preċedenti li mbagħad ġew revokati permezz ta' dan it-testment l-imsemmija Giorgia Buhagiar għamlet numru ta' disposizzjonijiet illi joħolqu preferenzi bejn l-ulied - liema ulied, bl-eċċezzjoni tal-intimati Alfred Buhagiar u (sa ċertu punt) Maria Dolores sive Doris Axisa, huma disposti illi l-assi ereditarji kollha derivanti kemm mill-wirt tad-defunt missierhom Francis Buhagiar u kif ukoll tad-defunta ommhom Giorgia Buhagiar jiġu maqsuma b'mod ugwali bejn l-aħwa kollha (vide Dokument B hawn annes).*

4. *Illi r-rikorrenti itenni illi d-diżeredazzjoni tiegħu mhijiex valida u applikabbli skond il-liġi għaliex fl-ewwel lok fid-dispożizzjoni testamentarja li permezz tagħha ġiet ordnata d-diżeredazzjoni ma ġietx indikata liema waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 623 tal-Kodiċi Ċivili kienet qed tiġi ordnata d-diżeredazzjoni u fit-tieni lok għaliex ma teżistix u ma tistax tiġi ppruvata mill-intimati jew min minnhom għandu interess ir-raġuni tad-diżeredazzjoni, kif inhu obbligu tagħhom li jagħmlu a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili.*

5. *Illi r-rikorrenti dejjem irrispetta bis-sħiħ lil ommu d-defunta Giorgia Buhagiar u kellu għal qalbu l-benesseri u l-interessi tagħha, u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

6. *Illi għaldaqstant ir-rikorrent huwa intitolat għal-leġittima portio mill-wirt ta' ommu d-defunta Giorgia Buhagiar u dan a tenur tal-artikolu 626 tal-Kodiċi Ċivili (diment li ma jintlaħaqx arranġament mod ieħor mal-intimati kollha fis-sens imtenni fid-Dokument 3 hawn anness).*

7. *Illi r-rikorrent jaf li kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, ħutu l-oħra illi bħalu ġew diżeredati u ċioe' John, Raymond, Saviour sive Sunny, Eugenio, Antoine, Frank u Noel, aħwa Buhagiar qegħdin jippreżentaw ukoll Rikors Ġuramentat huma stess bl-istess kawżali u talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat odjern.*

8. *Illi r-rikorrenti qiegħed jippreżenta dan ir-Rikors Ġuramentat kontra l-intimati kollha bħala l-eredi tad-defunta omm, Giorgia Buhagiar unikament għall-finijiet tal-integrita' tal-ġudizzju stante illi l-intimati*

*Pauline Grixti, Mario Buhagiar, Stephen Buhagiar, Mary Dimech u Rita Fenech mhumiex qed joġġezzjonaw li r-rikorrent jipparteċipa fil-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi ereditarji tad-defunta ommhom Giorgia Buhagiar (kif juri Dokument B hawn anness) u kieku l-istess aċċettazzjoni saret ukoll mill-intimati Alfred Buhagiar u Maria Dolores sive Doris Axisa ma kien ikun hemm ebda ħtieġa illi ssir din il-kawża u għalhekk l-ispejjeż tal-kawża m'għandhomx jiġu akkollati lill-imsemmi intimati Pauline Grixti, Mario Buhagiar, Stephen Buhagiar, Mary Dimcch u Rita Fenech (għalkemm naturalment id-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni hija dejjem riservata għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti).*

9. *Illi jingħad ukoll illi l-imsemmija Giorgia Buhagiar, omm ir-rikorrent u l-intimati u l-aħwa l-oħra Buhagiar indikati fl-ewwel premessa - mietet fit-22 ta' Lulju, 2011.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti -:*

*(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi d-dispożizzjoni magħmula fir-raba' artikolu tal-aħħar testment revokatorju datat it-tletin (30) ta' Settembru, 2008 in atti Nutar Margaret Heywood illi perrnezz tagħha r-rikorrent ġie diżeredat ma tiswiex fil-konfront tal-istess rikorrent;*

*(ii) tiddikjara illi konsegwentement ir-rikorrent huwa intitolat għall-ħlas tal-leġittima portio lilu spettanti skond il-liġi mill-wirt tad-defunta ommu Giorgia Buhagiar;*

*(iii) tifforma, tillikwida u tassenja lir-rikorrent il-leġittima lilu spettanti skond il-liġi mill-assi ereditarji tad-defunta ommu Giorgia Buhagiar;*

*(iv) tikkundanna lill-intimati sabiex jassenjaw lir-rikorrent il-leġittima lilu spettanti mill-assi ereditarji tad-defunta ommu Giorgia Buhagiar kif tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti; u*

*(v) tinnomina lin-nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun, jekk hekk ikun meħtieġ, f'dak il-jum, lok u ħin li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti kif ukoll tinnomina kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati (jew min minnhom, in vista ta' dak premess fil-paragrafu 7 ta' dan ir-Rikors Ġuramentat) li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2013, l-intimat Alfred Buhagiar laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

1. *Illi preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili, dawk il-persuni li ġew diżeredati u f'dan il-każ ir-rikorrenti, m'għandhomx jedd li jitolbu għas-sehem riżervat, u għaldaqstant it-talba t-tieni, t-tielet, r-*

*raba' u u l-ħames talba tar-rikorrenti huma intempestivi u għalhekk ma jistgħux jiġu milqugħa;*

2. *Illi kif jidher mit-testment li għamlet il-mejta Giorgia Buhagiar fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood, fit-30 ta' Settembru 2008, t-testatriċi ddeżeredat flimkien mar-rikorrent anke lil uliedha Charles, John, Raymond, Salvatore, Antoine, Frank u Noel aħwa Buhagiar u dan stante kif qalet it-testatriċi stess - '"peress illi huma ċaħdu mingħajr raġuni l-manteniment li t-testatriċi billi lanqas ma huma jagħtuha l-użufrutt li ħallielha żewġha ..." u illi għalhekk din ir-raġuni hija waħda mir-raġunijiet ikkontemplati mill-Artikolu 623(a) tal-Kodiċi Ċivili, li minħabba fihom dixxendent jista' jiġi diżeredat;*

3. *Illi skond testment unica charta fl-Atti tan-Nutar Philip Saliba datat 25 ta' Settembru 1981 - Dok. AB 01 - Francis u Giorgia konjuġi Buhagiar kienu skond it-Tieni Artikolu –*

   *"It-testaturi miżżewġin Buhagiar iħallu lil xulxin l-użufrutt ġenerali tal-ġid tagħhom kollu preżenti u futur tul ħajjithom kollha ..."*

4. *Illi għalhekk tul ħajjitha Giorgia Buhagiar kellha d-dritt tirċievi l-użufrutt;*

5. *Illi fir-rigward tar-rikorrent, flimkien ma ħuh John Buhagiar għandhom fil-pussess tagħhom il-fond magħruf bħala "Amazon Hall", għal liema fond huma kellhom iħallsu lil ommhom kera ta' ħdax il-elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.87) fis-sena. Ir-rikorrent flimkien ma' ħuh John, kienu irriduċew arbitrarjament dan l-ammont u kienu jħallsu sitt mija u tnejn u ħamsin fix-xahar (€ 652). L-aħħar sena ta' ħajjitha ma ħallsu xejn;*

6. *Minbarra dan ir-rikorrenti, flimkien ma' ħutu l-oħra li ntavolaw dawn il-proċeduri, kienu jiġġestixxu l-kumpannija Francis Buhagiar (Lucky) Limited, u kienu jgħaddu lil Giorgia Buhagiar ċirka € 186.35. Anki din il-kumpannija kienet tifforma parti mill-eredita';*

7. *Illi għalhekk d-disposizzjoni testamentarja hija waħda valida u għandha tibqa' tgħodd kif inhi, u dan se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża anke permezz ta' recording li għamlet l-istess Giorgia Buhagiar;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

3. Rat illi l-intimati l-oħra, għalkemm debitament notifikati, naqsu milli jippreżentaw eċċezzjonijiet u għalhekk ġew ikkunsidrati kontumaċi.

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

5. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2013, il-partijiet qablu illi l-kawża odjerna kienet miexja flimkien mal-kawżi 847/2013, 845/2013, 844/2013, 851/2013, 849/2013, 848/2013 u 850/2013, lkoll bejn l-aħwa Buhagiar, u għalhekk; "il-provi miġbura f'din il-kawża fuq it-talba ta' dikjarazzjoni ta' nullita' tad-disposizzjoni testamentarja jikkonstitwixxu provi fil-kawżi l-oħrajn fuq imsemmija".

6. Rat l-affidavit ta' **Carmelo sive Charles Buhagiar**, **John Buhagiar**, **Eugenio Buhagiar**, **Antoine Buhagiar**, **Noel Buhagiar** u **Francis sive Frank Buhagiar** lkoll ippreżentati mir-rikorrent fis-26 ta' Marzu 2014. (fol 27 sa 48)

7. Rat l-affidavit ta' **Mario Buhagiar**, **Rita Fenech**, **Stephen Buhagiar**, **Doris Axisa** ilkoll ippreżentati fis-27 ta' Ġunju 2014 mir-rikorrent. (fol 50 sa 56)

8. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Caruana**, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2014, (fol 318) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 59 sa 291).

9. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Chircop**, Principal fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, mogħtija fid 19 ta' Novembru 2014 (fol 320).

10. Rat ix-xhieda ta' **Audrey Ghigo**, rappreżentant tal-HSBC Bank (Malta) plc, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2014 (fol 322) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita (fol 292 sa 317).

11. Rat ix-xhieda ta' **Pierre Gatt**, rappreżentant tas-soċjeta' United Macaroni Limited, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2014 (fol 324).

12. Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Roderick Agius**, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2014 (fol 327).

13. Rat ix-xhieda ta' **Pierre Gatt**, rappreżentant tas-soċjeta' United Macaroni Limited, mogħtija fil-25 ta' Frar 2015 (fol 355) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 342).

14. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Caruana**, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, mogħtija fil-25 ta' Frar 2015, (fol 357) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 343 sa 345).

15. Rat id-dokument eżebit mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2015 (fol 346).

16. Rat ix-xhieda ta' **Audrey Ghigo**, rappreżentant tal-HSBC Bank (Malta) plc, mogħtija fil-25 ta' Frar 2015 (fol 360) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita (fol 347 sa 354).

17. Rat ix-xhieda tan-**Nutar Margaret Heywood**, mogħtija fl-20 ta' Mejju 2015 (fol 372), u d-dokument minnha eżebit, ossija t-testment meritu tal-kawża odjerna, ossija dak tat-30 ta' Settembru 2008 (fol 366).

18. Rat ix-xhieda ta' **Amanda Mizzi**, rappreżentant tal-Malta Stock Exchange, mogħtija fl-20 ta' Mejju 2015 (fol 379).

19. Rat ix-xhieda ta' **Arabella Micallef**, rappreżentanta tal-Malta Stock Exchange, mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2015 (fol 386) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita (fol 383-385).

20. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

21. Rat illi fit-2 ta' Diċembru 2015, l-intimat Alfred Buhagiar ippreżenta l-affidavit tiegħu (fol 390) flimkien ma' serje ta' dokumenti (fol 395 sa 415).

22. Rat l-affidavit ta' **Rosemary Barbara**, ippreżentat mill-intimat Alfred Buhagiar fit-2 ta' Marzu 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni (fol 421 sa 433) rappreżentanti varji Ittri Uffiċjali mibgħuta minn Giorgia Buhagiar.

23. Rat illi bejn it-28 ta' April 2017 u s-6 ta' Diċembru 2019, saru erbgħatax-il seduta fejn il-Qorti dejjem ġiet mgħarrfa illi l-partijiet kienu qed jittransiġu l-pendenza ta' bejniethom u għalhekk intalab differiment.

24. Rat illi fis-6 ta' Diċembru 2019 il-kawża ġiet assenjata lil dina l-Qorti, kif komposta.

25. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Qorti ġiet infurmata illi r-rikorrent kien miet u fit-2 ta' Frar 2021 saret il-leġitimazzjoni tal-atti f'isem martu, Anna Buhagiar.

26. Semgħet il-kontro eżami ta' Alfred Buhagiar illi sar fl-1 ta' Ġunju 2021 (fol 513).

27. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Rose Marie Barbara, illi saret mill-Awstralja permezz ta' Video Conferencing fis-27 ta' Ottubru 2021 (fol 523).

28. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2022, il-Qorti ordnat l-egħluq tal-provi wara l-konsulenti legali li kelllhom jagħmlu l-kontro eżamijiet ma dehrux għall-kawża, fejn il-Qorti kienet allokat siegħa għal dan il-għan.

29. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2022, il-Qorti ddifferiet il-kawża għall-preżentata tas-sottomissjonijiet rikorrenti.

30. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub ippreżentati fl-14 ta' Marzu 2022. (fol 539)

31. Rat is-sottomissjonijiet intimati bil-miktub ippreżentati fit-28 ta' April 2022. (fol 554)

32. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq l-ewwel u tieni talba tar-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

33. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi bi ftehim mal-partijiet, ġie deċiż illi dina l-Qorti tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċiedi biss l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti, liema talbiet jitolbu s-segwenti azzjoni minn dina l-Qorti:

1. *Jiġi dikjarat illi d-dispożizzjoni magħmula fir-raba' artikolu tal-aħħar testment revokatorju datat it-tletin (30) ta' Settembru, 2008 in atti Nutar Margaret Heywood, illi perrnezz tagħha r-rikorrent ġie diżeredat, ma tiswiex fil-konfront tal-istess rikorrent;*

2. *Jiġi dikjarat illi konsegwentement ir-rikorrent huwa intitolat għall-ħlas tal-leġittima portio lilu spettanti skond il-liġi mill-wirt tad-defunta ommu Giorgia Buhagiar;*

34. Il-Qorti għalhekk ser tipproċedi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar tali talbiet biss.

35. Jirriżulta wkoll illi l-kawża odjerna kienet miexja flimkien u ser tiġi deċiża flimkien mas-segwenti kawżi, li lkoll għandhom l-istess meritu u provi, ossija t-testment tat-30 ta' Settembru 2008:

i. 844/2013 – John Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
ii. 845/2013 – Antoine Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
iii. 847/2013 – Eugenio Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
iv. 848/2013 – Saviour Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
v. 849/2013 – Raymond Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
vi. 850/2013 – Frank Buhagiar vs Alfred Buhagiar et
vii. 851/2013 – Noel Buhagiar vs Alfred Buhagiar et

**Fatti tal-każ**

36. Jirriżulta illi l-partijiet huma kollha aħwa u tfal ta' Francis Buhagiar u Giorgia Buhagiar, nee' Cassar.

37. Jirriżulta, attwalment, illi tul iż-żwieġ tagħhom, il-konjuġi Francis u Giorgia Buhagiar kellhom erbatax-il tifel u tifla, li huma s-segwenti f'eta':

i. Alfred Buhagiar (1949)
ii. Doris Axisa (1950)
iii. Pauline Grixti (1952)
iv. Carmel sive Charles Buhagiar (1953)
v. Mario Buhagiar (1954)
vi. John Buhagiar (1956)
vii. Raymond Buhagiar (1957)
viii. Saviour sive Sunny Buhagiar (1958)
ix. Eugenio Buhagiar (1960)
x. Stephen Buhagiar (1961)
xi. Mary Dimech (1962)
xii. Rita Fenech (1964)
xiii Antonie Buhagiar (1967)
xiv. Francis sive Frank Buhagiar (1968)

38. Jirriżulta illi missierhom, Francis Buhagiar, kien negozjant, fil-qasam tal-importazzjoni u manufattura tal-ikel, u hekk kif bdew jikbru t-tfal is-subien, dawn bdew deħlin fin-negozju tiegħu.

39. Jirriżulta illi, mument minnhom, l-intimat Alfred Buhagiar, emigra lejn il-Kanada, u għalhekk ma baqax jinvolvi ruħu fin-negozju, filwaqt illi ħuhom Stephen, baqa' jistudja u ma involviex ruħu fin-negozju.

40. Jirriżulta illi, mument minnhom, missier il-partijiet, Francis Buhagiar, iffurma kumpannija bl-isem ta' Francis Busuttil (Lucky) Limited, liema kumpannija ġiet iffurmata fil-15 ta' Jannar 1976 bejnu u t-tfal Carmel, John, Saviour sive Sunny, Eugenio, Antoine, Raymond, Frankie, Noel u Mario lkoll aħwa Buhagiar.

41. Jirriżulta illi, missier il-partijiet, Francis Buhagiar, miet fl-20 ta' Marzu 1983 u ħalla lill-martu, Giorgia Busuttil, użufruttwarja tal-assi kollha illi kellu, ossija n-negozju kollu.

42. Jirriżulta illi wara il-mewt ta' missierhom, l-aħwa fuq imsemmija baqgħu joperaw bil-kumpannija Francis Busuttil (Lucky) Limited, iżda r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tiħżien u għalhekk eventwalment uħud fetħu negozju għal rashom u uħud ingħaqdu bejniethom biex jiffurmaw negozju ieħor, filwaqt illi s-soċjeta' ta' missierhom, Francis Busuttil (Lucky) Limited, ġiet xolta fl-1 ta' Marzu 2003.

43. Jirriżulta, mill-provi prodotti w il-varji verżjonijet tal-fatti, illi r-relazzjoni ta' l-aħwa, kemm bejniethom, kif ukoll ma' ommhom, ma kinetx waħda feliċi, partikolarment ma' Alfred Buhagiar, illi kien ġie lura Malta mill-Kanada u beda jieħu ħsieb l-interessi ta' ommu.

44. Jirriżulta, mill-atti, illi omm il-partijiet, Giorgia Buhiagar, fetħet varji proċeduri versu uħud mill-aħwa, kemm permezz ta' Ittri Uffiċjali kif ukoll permezz ta' kawżi *ad hoc*, in konnessjoni ma' propjetajiet illi hija kellha l-użufrutt tagħhom u li għalihom hija kkontendiet illi ma kinetx qed titħallas dak dovut lilha.

45. Jirriżulta illi, mument minnhom, fit-30 ta' Settembru 2008, omm il-partijiet, Giorgia Buhagiar, wara illi kkonsulat mal-konsulent legali tagħha ta' dan iż-żmien, il-Prim Imħallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici u assistita mill-intimat Alfred Buhagiar, għamlet testment fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood, eżebit a fol 366 tal-proċess, fejn, filwaqt illi ħassret it-testmenti kollha preċendenti minnha magħmula, għaddiet biex tipprovdi s-segwenti:

> *It-testatriċi qiegħda diżeredita lil uliedha Charles, John, Raymond, Salvatore sive Sunny, Eugenio, Antoine, Frank u Noel aħwa Buhagiar peress illi huma caħdu mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatriċi billi lanqas ma huma jagħtuha l-użufrutt li ħallilha żewġha Francis Buhagiar fit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija wieħed u tmenin (1981). It-testatriċi qiegħda tiddikkjara wkoll illi qiegħda diżeredita lil binha Salvatore sive Sunny peress illi ħabat għaliha fiżikament u b'hekk huwa sar ukoll ħati ta' moħqrija lejn it-testatriċi.*

46. Jirriżulta illi Giorgia Buhagiar, omm il-partijiet mietet fit-22 ta' Lulju 2011 u sussegwentement, infetaħ it-testment fuq imsemmi fejn ir-rikorrent sar jaf illi kien ġie diseredità minn ommu.

47. Jirriżulta illi sussegwentement, saru diskussjonijet bejn il-partijiet fejn, f'Awwissu 2013, sar abbozz ta' ftehim fejn l-intimati aħwa Pauline Grixti, Mario Buhagiar, Stephen Buhagiar, Mary Dimech u Rita Fenech iffirmaw li qablu illi l-aħwa kollha jaqsmu magħhom f'iqsma indaqs l-wirt li ġej mill-ġenituri tagħhom (fol 8). L-intimat Alfred Buhagiar u Maria Dolores sive Doris Axisa, ma qablux fuq dan.

48. Jirriżulta illi sussegwentement, f'Settembru tas-sena 2013, infetħet il-kawża odjerna flimkien ma' sebgħa kawżi oħra mill-aħwa kollha illi kienu ġew lkoll diżereditati.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

49. Jirriżulta illi r-rikorrent, permezz tal-proċeduri odjerni, qiegħed jilmenta illi d-diżeredazzjoni ma ġiet b'ebda mod ġustifikata kif ukoll hija egalment insostenibbli kif redatta fit-testment.

50. Ikun opportun illi, qabel ma tkompli fil-konsiderazzjonijiet tagħha, teżamina l-prinċipji legali b'referenza, l-ewwel nett għal Liġi, u sussegwentement għal dak li intqal f'ġurisprudenza nostrana.

51. L-Artikoli tal-Liġi rilevanti għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

> ***622****.Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux dehen li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.*
>
> ***623****.Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:*
>
> ***(a)*** *jekk id-dixxendent ikun ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*
> ***(b)*** *jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*
> ***(ċ)*** *jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*
> ***(d)*** *jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*
> ***(e)*** *jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;*
> ***(f)*** *jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;*
> ***(g)*** *f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti*
>
> ***625.(1)*** *Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.*
>
> ***(2)*** *Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed.*

***629****.Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.*

52. Fil-kawża **Mackay Caroline sive Carol et -vs- Joseph Aquilina et noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2013, intqal is-segwenti:

*L-azzjoni odjerna hija ntiża sabiex timpunja r-raġunijiet li biha t-testatur Anthony MacKay iġġustifika id-diżeredazzjoni t'uliedu l-atturi.*

*Din il-Qorti eżaminat l-insenjament għaqli mogħti fis-sentenza in parte fl-ismijiet "Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux" deċiża fit-8 ta' Frar 2006 per l-Onor Imħallef Dr. J. R. Micallef.*

*Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx. Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad- diżeredazzjoni;*

*Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba fil-liġi – kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tieħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id-diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet, iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha. Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremettix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar-raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha.*

> *Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima.*

*Illi l-interpretazzjoni tar-raġunijiet għad-diżeredazzjoni hija restrittiva favur min qiegħed jimpunja d-diżeredazzjoni u mhux favur il-volonta' tat-testatur – vide Ibid "Giovanni Bartolo vs Anthonio Bartolo et." u "Filippa Debono vs Alfred Falzon et" deċiża fit-30 t'Ottubru 2003 per Onor Imħallef Dr. G. Caruana Demajo.*

53. Il-Qorti tagħmel referenza għal kawża oħra rilevanti, ossija il-kawża **Mary Pen Schembri et vs Dennis Schembri et** mogħtija fis-16 ta' Novembru 2017, fejn intqal is-segwenti:

*18. Huwa ċar, li fil-każ odjern, id-diżeredazzjoni ġiet fil-fatt dikjarata mit-testatur Joseph Schembri għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-Kodiċi Ċivili kif jeżiġi l-artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili. Di fatti f'artikolu 2 tat-Testment tiegħu ried u ordna li jiġu iddiżeredati uliedu kollha għar-raġunijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 623 tal-Kodiċi Ċivili.*

*19. Iżda huwa wkoll daqstant ċar għal din il-Qorti, li t-testatur Joseph Schembri, sa fejn jirrigwarda lill-uliedu Atturi, naqas għal kollox milli jfisser b'mod ċar fit-testment il-fatti li kellhom jagħtu lok għad-diżeredazzjoni kif espressi fis-sub-inċiżi (d) u (e) 623 tal-Kodiċi Ċivili u kif hekk ukoll jeżiġi l-artikolu 622 tal-istess Kodiċi. Tabilħaqq, fit-termini ta' dan l-aħħar artikolu, id-diżeredazzjoni mhux biss kellha tkun dikjarata mit-testatur Joseph Schembri "għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi" iżda l-istess raġuni msemmija fl-artikolu 623(d) u (e) suċitat kellha tkun ukoll "imfissra fit-testment".*

*20. Fil-kors tas-smigħ tal-kawża, il-Konvenuti provaw jagħtu spjegazzjoni għalfejn il-mejjet provda għad-deżeredazzjoni tal-ulied Atturi. Dan jemerġi kemm mill-kontro-eżamijiet tal-Atturi u anke mix-xhieda tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 465 ara ukoll nota responsiva ta' sottomissjonijiet fil-punti 19 sa 24 a` fol 913 21 tal-proċess). In suċċint, il-Konvenuti provaw jiġġustifikaw id-diżeredazzjoni peress li skonthom, l-ulied Atturi fil-kawża, abbandunaw lil missierhom billi qatt ma ċemplulu u lanqas marru jarawh minn meta daħal l-isptar sakemm miet.*

*21. Din il-Qorti hi tal-fehma soda, li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 622 tal-Kap. 16, ir-raġuni kellha tkun imfissra mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi konvenuti li fit-termini tal-artikolu 625(1) kellhom biss l-obbligu li jsostnuwa u jippruvawha.*

*22. Kif ġustament saħqet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Imħallef Harding fis-sentenza* ***Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et*** *mogħtija fis-7 ta' Jannar 1936,*

> *"una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta għal motiv ta' diżeredazzjoni, allura d-diżeredazzjoni ta' l-attur [ommissis] ma hix sostenibbli, u l-attur għandu d-dritt għal-leġittima." (P.A. Kollez. Vol:*

*XXIX.ii.880). Għalhekk, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li l-fatt waħdu li t-testatur jonqos milli jfisser ir-raġuni għad-diżeredazzjoni fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili, dan jammonta għal nuqqas serju sostantiv li ma jwassalx għad-diżeredazzjoni kif trid il-liġi taħt l-artikli suċitati.*

*23. Fir-rigward tat-tieni talba Attriċi, irid pero' jingħad ukoll, li jekk wieħed kellu joqgħod ma' kif testwalment hija imfassla, din id-dikjarazzjoni hija fis-sens li "r-raġuni ta' diżeredazzjoni ma hijiex ġustifikata" għax ma ġietx pruvata mill-Konvenuti eredi a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 899) u mhux għax it-testatur naqas milli jsemmi r-raġuni li għaliha ddiżereda lil uliedu skont kif jesprimi l-artikolu 622 tal-Kap. 16.*

*24. Għalhekk, anke f'dan ir-rigward, fit-termini ta' kif inhi oriġinata t-tieni talba tal-Atturi, kieku kellha issir indaġini dwar jekk ir-raġuni għad-diżeredizzjoni, kif mogħtija mill-Konvenuti eredi biex jiġġustifikawha, ġietx sodisfaċentement provata minnhom fit-termini tal-artikolu 625(1), din il-Qorti, mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li ma kienx hemm raġunijiet ġusti.*

*25. Kif ġie stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza* ***Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux*** *datata 8 ta' Frar 2006:-*

*"... ... il-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx (App. Ċiv. 14.11.1938 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo et vs Camilleri noe et (Kollez. Vol:XXX.i.240). Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad-diżeredazzjoni (P.A. 20.3.1949 fil- kawża fl-ismijiet Attard Montalto vs Attard Montalto (Kollez. Vol:XXXIII.ii.357);*

*Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba fil-liġi (Raġuni serja u gravi biżżejjed li tista' ċċaħħad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16 ) – kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tiegħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id-diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur (Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16), id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa*

*(Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession , pagg. 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet (L-artikolu 624 tal-Kodiċi Ċivili tħassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004), iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment (Art. 622 tal-Kap 16) u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha (Art. 625(1) tal-Kap 16). Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippermettix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar-raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha (P.A. 7.1.1936 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo vs Bartolo et (Kollez. Vol: XXIX.ii.880)). Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima (Art. 629 tal-Kap 16). Dan huwa sewwasew dak li qiegħda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;" (sottolinear ta' din il-Qorti). 26. It-tifsira mogħtija mill-Konvenuti għad-diżeredazzjoni taħt is-subinċiżi (d) u (e) tal-artikolu 623 dikjarata mit-testatur hija dik ta' abbandun tad-decuius minn uliedu billi qatt ma ċemplulu u lanqas marru jarawh min mindu ddahhal l-isptar sakemm miet, liema fatt ma ġiex ikkontestat mill-Atturi. Fir-rigward ta' "moħqrija" u "offiża gravi" fil-konfront tat-testatur ai termini tal-artikolu 623(d) u (e), ġie sottomess mill-Imħallef Gouder fis-sentenza* ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto*** *(Qorti Ċivili Prim' Awla Kollez. Vol. XXXIII P II p 357) li "il-kondotta ħażina tat-tifel jew dixxendent ieħor tista' tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali li t-tifel jew dixxendent ieħor, jagħmel apposta biex jinki, u b'hekk iweġġa' l-qalb tal-ġenituri jew axxendenti oħra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent; imma f'dawn il-każijiet mhix il-kattiva kondotta li tagħti lok għad-diżeredazzjoni, imma l-moħqrija kontemplata fl-ittra (d) taċ-ċitat art. 660 (illum art. 623) tal-Kodiċi Ċivili fl-ewwel każ, u fit-tieni każ l-inġurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu" (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti).*

*28. Din il-Qorti għalhekk, trid teżamina l-motivazzjonijiet tal-Atturi ulied, wara n-nuqqas tagħhom li jagħmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-aġir jammontax għal "moħqrija" u/jew "offiża gravi" fil- konfront tat-testatur fit-termini tal-artikolu 623(d) u (e).*

*29. Din il-Qorti temmen, bħall-Konvenuti (ara punt 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 913), li x-xhieda ta' Vincent Schembri hija l-iktar waħda veritiera minn fost l-aħwa ulied id-decuius, fir-rigward ta' jekk kinux konsapevoli li missierhom kien marid gravi l-isptar. Il-Qorti tikkonkludi li l-aħwa kienu jafu li missierhom kien qiegħed l-isptar (ara xhieda ta' Connie Ciantar a` fol 731).*

*30. In-nuqqas minn naħa tad-dixxendenti li jżuru lil missierhom meta kienu jafu li qiegħed l-isptar, ma tistax titqies bħala kondotta tajba u jekk mhux ukoll ċensurabbli. Iżda minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f'"moħqrija" u /jew "offiża gravi" fit-termini ta' dak li jiddisponi tal-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili.*

*31. Fuq stregwa tal-insenjament tas-sentenza appena ċitata, din il-Qorti hija moralment konvinta, li n-nuqqas tal-ulied li jżuru lil missierhom ma sarx "apposta biex jink[u], u b'hekk iweġġgħ[u] l-qalb" tiegħu jew biex inaqsulu "l-stima u r-reputazzjoni" iżda, kif jistqarr Vincent Schembri fix-xhieda tiegħu stess (a` fol 587, 601 u 602), dan kien frott tar-rimors għal mod kif kien ġab ruħu magħhom missierhom.*

**Ikkunsidrat**

54. Ikkunsidrat l-aspetti legali, kemm kif redatti fil-Liġi stess, kif ukoll kif esposti mill-Qrati nostrani tagħna, ikun opportun issa li din il-Qorti tapplika dak li jingħad għall-fatti tal-każ odjern.

55. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi fis-sena 2008, ossija meta Giorgia Buhagiar għamlet it-testment li issa r-raba' artikolu tiegħu dwar diseredazzjoni qed jiġi kontestat, l-istess Giorgia Buhagiar kellha pendenzi mar-rikorrent odjern Charles Buhagiar, flimkien ma' ħuh, John Buhagiar, relatati mal-fond okkupat mill-istess aħwa, permezz tas-soċjeta' tagħhom Amazon Limited, liema pendenza wasslet biex l-istess Giorgia Buhagiar niedet proċeduri il-Qorti kontra tagħhom – 1233/2010 JZM.

56. Jirriżulta illi, permezz ta' skrittura ta' transazzjoni, li tidher a fol 400, fl-24 ta' Frar 2011, ossija wara li sar it-testment, dina l-pendenza kienet ġiet riżolta bejn il-partijiet u hija tħallset kollox lilha dovut.

57. Jirriżulta wkoll illi mument minnhom, Giorgia Buhagiar kellha kwistjoni ma l-aħwa Raymond u Sunny Buhagiar, fuq garage illi hija kienet qed tikkontendi li kienu qed jokkupaw illegalment taħt ir-residenza tagħha, u dana kif jidher mill-ittri Uffiċjali esebiti u datati April 1993. (fol 421) Ma hemm ebda indikazzjoni dwar jekk itteħdietx azzjoni oħra jew jekk il-kwistjoni ġietx riżolta.

58. Jirriżulta wkoll illi, mument minnhom, Giorgia Buhagiar kellha kwistjoni ma' l-aħwa Eugenio u Frank Buhagiar, fuq garage bl-isem ta' Macombo Garage, u dana kien jidher minn Ittra datata 6 ta' Marzu 2000 (fol 407). Ma hemm ebda indikazzjoni dwar jekk ittieħditx azzjoni oħra jew jekk il-kwistjoni ħietx riżolta.

59. Minn imkien, madanakollu, ma jidher ippruvat illi r-rikorrent jew ħutu li ġew lkoll diżeredati, f'xi mument, ċaħdu, mingħajr raġuni, l-manteniment lill-istess Giorgia Buhagiar, kif indikat li qalet l-istess Giorgia Buhagiar fit-testment tat-30 ta' Settembru 2008, u li jirriżulta bħala bażi ta' diżereditazzjoni skond l-Artikolu 623 (a) tal-Kap 16.

60. Dana qiegħed jingħad, għax ħareġ ċar mill-provi prodotti, illi Giorgia Buhagiar, għalkemm kienet użufruttwarja tal-assi kollha u ma kellha ebda assi personalment tagħha, kienet dejjem f'posizzjoni illi tgħix ħajja tajba, fejn saħansitra kienet issiefer regolarment u tgħix ħajja komda. Jirriżulta wkoll illi l-introjtu ta' Giorgia Buhagiar kien

tali illi, mument minnhom, hija ma baqgħetx intitolata tibqa' tirċievi l-Għajnuna Soċjali, u dana skond kif indikat mix-xhieda prodotta quddiem dina l-Qorti.

61. Ħareġ ċar ukoll, mill-assjem tal-provi, illi hemm differenzi kbar bejn l-aħwa kollha u Alfred Buhagiar, filwaqt illi ħareġ ċar ukoll illi l-istess Alfred Buhagiar kien ħa taħt il-kontroll tiegħu, lil Giorgia Buhagiar, fejn saħansitra kien hu illi ħadha għand in-Nutar Margaret Heywood għal varji laqgħat illi Giorgia Buhagiar kellha man-Nutar illi eventwalment wassal għat-testment meritu ta' din il-kawża odjerna.

62. Il-Qorti tifhem tassew li Giorgia Buhagiar, kif stqarret ix-xhud ta' l-intimat, Rose Marie Barbara fl-affidavit tagħha, kienet mara twajba u tassew tħobb il-familja tagħha u l-erbatax il-tifel u tifla illi hija ġabet f'din id-dinja, u jidher illi spiċċat fin-nofs ta' kunflitt bejn l-aħwa bbażata unikament fuq ġlied dwar propjeta' u assi li missierhom, Francis Buhagiar, kien ħadem tant għalihom u kien ħallielhom, u li issa bejniethom, partikolarment Alfred Buhagiar ma' ħutu s-subien l-oħra, ma kinux kapaci jiftehmu fuq xejn, la fuq fejn kellha tqatta' l-aħħar xhur ta' ħajjitha u lanqas fil-funeral tagħha stess.

63. Il-Qorti, għalhekk, tqis illi ma ġiex ippruvat minn Alfred Buhagiar, illi f'xi mument ir-rikorrent, jew ħutu l-oħra, b'xi mod naqsu milli jieħdu ħsieb lill-ommhom, iżda ġie, mill-banda l-oħra, ippruvat illi ommhom Giorgia Buhagiar, kienet tgħix ħajja tajba u ma kien jonqosha xejn, tant li kienet issiefer regolarment, u fl-aħħar xhur ta' ħajjitha, ttieħdet tgħix ġewwa residenza għall-anzjani ta' livell superjuri għal dak normali, u dana versu ħlas illi l-aħwa kollha, għajr għal Alfred Buhagiar, ħallsu – fatt li ċertament juri illi ma huwiex minnu dak li intqal minn ommhom fit-testment tat-30 ta' Settembru 2008 u li sar riżultat ta' pressjonijiet illi kienu qed isiru fuqha.

64. Il-Qorti tosserva ukoll illi fit-testment jintqal wkoll illi Sunny Buhagiar kien ħebb għaliha u għalhekk din kienet raġuni oħra għaliex kienet ser tiddeżereditah. Madanakollu, mill-assjem tal-provi, inkluż provi da' parte tal-Pulizija, ma jidher li sar ebda rapport qatt da parte ta' Giorgia Buhagiar fuq xi attakk li seta' għamel Sunny Buhagiar. Apparti minn hekk, ma nġiebet ebda prova biex tikkorrobora tali asserzjoni, u għalhekk tqis illi anke tali baai ta' diżeredita, din id-darba fil-konfront ta' Sunny Buhagiar, ma jirriżultax ippruvat illi dana huwa minnu.

65. Kif qalu l-Qrati fis-sentenza fuq ċitati, l-istitut tad-diżeredita' hija materja ta' natura eċċezzjonali u għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv a favur tal-persuna illi qiegħed jiġi diżereditat.

66. Fil-każ odjern, applikati dawna r-regoli u eżaminati tali fatti, din il-Qorti jidhrilha li l-ebda waħda mir-raġunijiet għad-diżeredazzjoni ndikati mit-testatriċi fit-testment kkonċernat ma tikkwalifika bħala raġuni tajba u siewja skond il-Liġi, u għalhekk tqis illi l-ewwel u tieni talba tar-rikorrent għandhom jiġu milqugħa.

**Deċiżjoni Parzjali**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel u tieni talba tar-rikorrent billi:

Filwaqt li tosserva li l-intimati Maria Dolores sive Doris Axisa, Pauline Grixti, Mario Buhagiar, Stephen Buhagiar, Mary Dimech u Rita Fenech huma lkoll kontumaċi;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat Alfred Buhagiar;

**Tilqa'** l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi d-dispożizzjoni magħmula fir-raba' artikolu tal-aħħar testment revokatorju datat it-tletin (30) ta' Settembru, 2008 in atti Nutar Margaret Heywood, illi permezz tagħha r-rikorrent ġie diżeredat, ma tiswix fil-konfront tal-istess rikorrent;

**Tiddikjara** illi konsegwentement ir-rikorrent huwa intitolat għall-ħlas tal-leġittima portio lilu spettanti skond il-liġi mill-wirt tad-defunta ommu Giorgia Buhagiar;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

**Tordna** l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża fil-meritu.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**